MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 716/2002

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Bin-numru 821/02 fl-ismijiet:**

**Emanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg**

**vs**

**Josephine Sammut**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Josephine Sammut fl-24 ta' Gunju, tas-sena 2002, li in forza tieghu, wara li eccepiet:

Illi permezz ta' rikors datat 16 t'April, 2002, l-intimati talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 821/02 kontra l-esponenti fl-ammont ta' hamsin elf Lira Maltin (LM50,000) u bil-kawzali "ammont likwidat ghall-finijiet ta' dan il-mandat rappresentanti danni sofferti mir-rikorrenti wara hrug ta' mandati frivoli u vessatorji";
Illi l-mandat ta' sekwestru de quo m'ghandux jinzamm fis-sehh u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-esponenti tirrileva illi hija istitwiet proceduri kontra t-tlett intimati f'dawn il-proceduri ghar-rexxissjoni ta' transfer ta' *char-a-banc* u ta' *taxi* liema proceduri jinsabu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Citaz. Nru.: 1186/01 TM);

2. Illi l-esponenti tirrileva illi z-zewg mandati mahruga minnha u cioe' l-mandat ta' sekwestru 1912/01 u l-mandat ta' qbid 1913/01 gew akkordati mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

3. Illi l-esponenti tirrileva wkoll illi l-hrug ta' mandat ta' sekwestru li tieghu qieghed tintalab ir-revoka mill-esponenti hareg in segwitu ta' kawza kontra l-istess esponenti fejn l-intimati qeghdin jitolbu d-danni minhabba z-zamma fis-sehh ta' zewg mandati li ghamlet l-istess esponenti fil-konfront taghhom u cioe' il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1912/01 u l-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 1913/01;

4. Illi l-esponenti tirrileva illi ma tistax tifhem kif l-intimati fehtu kawza ghad-danni u intavolaw il-mandat odjern li tieghu qieghda tintalab ir-revoka meta l-Qorti stess pronunzjat ruhha in segwitu ta' tentattiv da parti tal-intimati sabiex jirrevokaw l-imsemmi mandat (Rikors Numru 1153/01/RCP) fis-sens illi l-mandat ta' sekwestru 1912/01 kien gustifikat illi hareg sabiex dan jikkawtela l-pretensjonijiet tal-esponenti hekk kif dedotti fil-kawza intavolata minnha fil-konfront tal-intimati;

5. Illi l-esponenti ma tistax tifhem lanqas kif l-esponenti waslu sabiex ikkwantifikaw u kkomputaw d-

danni allegatament sofferti minnhom ghas-somma ta' hamsin elf Lira Maltin (LM50,000);

6. Illi, in oltre, l-esponenti tirrileva illi hija lanqas biss giet innotifikata bil-mandat odjern u saret taf bih biss ricentement meta marret il-Bank;

7. Illi mis-suespost jidher illi l-mandat ta' sekwestru min-naha tal-intimati fil-konfront tal-esponeti huwa wiehed intempestiv ghaliex se mai u fl-aghar ipotesi l-intimati kellhom jistennew l-ezitu tal-kawza hawn fuq indikata u cioe' ghall-kawza bic-citazzjoni numru 1186/01 TM qabel ma setghux jallegaw illi l-hrug tal-mandati da parti tal-esponenti kien wiehed "frivolu u vessatorju";

8. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubbju illi l-mandat mahrug mill-intimati huwa wiehed ibbazat fuq pretensjoni ghal kollox infondata da parti tal-intimati fil-konfront tal-esponenti;

9. Illi l-esponenti tirrileva illi dan il-mandat qieghed jirrekalha pregudizzju konsiderevoli ghaliex waqqfilha l-attivita' ekonomika taghha u hija qed ikollha tissellef minghand terzi;

10. Illi se mai u fl-aghar ipotesi l-esponenti tirrileva illi l-intimati m'hemmx dubbju illi ma sofrew l-ebda danni fl-ammont ta' LM50,000 u ghalhekk il-mandat fl-ammont ta' LM50,000 huwa wiehed eccessiv u ingust;

11. Illi, in oltre u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ghandha fondi adekwati sabiex tkopri l-pretensjoni tal-intimati jekk tezisti fil-ligi u ghalhekk ghal kull buon fini t-talba ghall-hrug tal-mandat m'hija bla ebda mod gustifikata skond il-ligi;

12. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati ma talbux lill-esponenti sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta'danni fi zmien hmistax-il jum qabel gie pprezentat il-mandat ta' sekwestru de quo;

13. Illi in oltre l-intimati ma talbux lill-esponenti sabiex din tipprovdi garanzija jew sigurta' bizzejjed, u ghalhekk, a tenur ta' l-Artikolu 836 (8) (b) tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponenti huma intitolati li jitolbu l-hlas ta' penali minghand l-intimati;

Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet hawn fuq spjegati, l-esponenti umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Titratta tali rikors b'urgenza tenendo kont ic-cirkostanzi hawn fuq spjegati;

2. Tirrevoka, thassar u tikkancella l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 821/02 ai termuini tal-Artikolu 836 (1) (b) (c) (d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lill-esponenti dik is-somma ta' m'hux anqas minn hames mitt Lira Maltin u m'hux aktar minn tlett elef Lira Maltin bhala penali u dana ai termini tal-Artikolu 836 (8) (b) (c) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fin-nuqqas li tilqa' t-tieni u/jew it-tielet talba, tikkundanna lill-intimati sabiex, a tenur tal-Artikolu 838 A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddepositaw fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta' penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li taghmel dan thassar l-effetti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 821/02;

Bl-ispejjez tal-proceduri odjerni a karigu tal-intimati.

Rat ir-Risposta pprezentata mill-intimati Emanuel Sammut et li in forza taghha esponew:

Illi l-esponenti qeghdin jopponu ruhhom ghat-talbiet tar-rikorrenti ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi r-rikorrenti tiddikjara li ma tistax tifhem il-pretensjoni ta’ l-esponenti, fis-sens illi jridu jikkawtelaw il-jedd taghhom li jigu kumpensati ghal danni li qeghdin isofru biz-zamma fis-sehh ta’ mandati mahruga mill-istess rikorrenti;

2. Illi huwa risaput illi l-Qrati johorgu mandati kawtelatorji fuq talba guramentata ta’ rikorrenti, u fuq ir-responsabbilita’ ta’ l-istess rikorrent. Il-fatt illi l-mandat ikun inhareg mill-Qorti ma jezonerax lil min talbu mir-responsabbilita’, jekk jirrizulta li tali talba kienet frivola, vessatorja jew malizzjuza;

3. Illi, fil-fatt, l-artikolu 836 (9) tal-Kap 12 stess jipprovdi illi:-

*“Fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta’ qabel dan, il-qorti tista’, meta ssirilha citazzjoni mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil din il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat, u f’kawzi bhal dawk il-qorti ghandha tara u tuza l-iskritturi tal-procedimenti ta’ l-att kawtelatorju u ta’ kull procediment iehor li johrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbli ghall-finijiet ta’ din l-azzjoni”.*

4. Illi fil-fatt l-esponentiipprezentaw citazzjoni kontra r-rikorrenti ghad-danni li huma sofrew u ghadhom qeghdin isofru kawza tal-hrug u zamma fis-sehh tal-mandati. L-esponenti ghandhom kull jedd li jikkawtelaw dan il-kreditu pretiz minnhom bil-mezzi li tipprovdi l-ligi, u bir-responsabbilita’ taghhom;

5. Illi l-argument tar-rikorrenti li l-mandat de quo huwa intempestiv ghaliex semmai l-esponenti kellhom jistennew l-ezitu tac-citazzjoni li huma pprezentaw huwa, bir-rispett kollu, irrilevanti. L-iskop kollu tal-mandat kawtelatorju huwa proprju dak li wiehed jikkawtela kreditu qabel ma jkun tard wisq;

6. Illi d-danni li qeghdin isofru l-esponenti biz-zamma fis-sehh tal-mandati huma ingenti. Dawn jinkludu *inter alia:*

- Hsara kbira fin-negozju ta' l-esponenti George Borg peress illi huwa jinsab effettivament mizmum milli jopera permezz ta' mandat ta' sekwestru ta' LM70,000 kontra tieghu;

- Hsara kbira fin-negozju ta' l-esponenti George Borg wara li bin-notifika ta' mandat kawtelatorju lid-Direttur tal-Licenzji huwa gie impedut li jgedded il-licenzja ta' *taxi* ghal xhur shah, u ghalhekk kien impedut milli joperaha;

- Hsara kbira fin-negozju ta' l-esponenti George Borg peress illi sussegwentement ix-xarabank u *taxi* proprjeta' tieghu gew maqbuda permezz ta' mandat ta' qbid u sahansitra elevati mir-rikorrenti biex b'hekk waqaf ghal kollox id-dhul sostanzjali li kien jippercepixxi minn dawn il-vetturi;

- Danni sofferti mill-esponenti Natasha Sammut peress illi kienet fil-process li takkwista propjeta' immobbli izda, wara li r-rikorrenti ottjeniet mandat ta' sekwestru ghal Lm70,000 kontra taghha, il-bank li kien ser jiffinanzja dan l-akkwist irtiralha s-self u ebda bank iehor ma kien dispost li joffrilha self;

- Danni sofferti mill-esponenti Emanuel Sammut f'li gie ffrizat kull sors ta' introjtu tieghu filwaqt li gie espost ghal pretensjoni ta' danni da parti ta' George Borg li legittimament akkwista xarabank u *taxi* minghandu illi izda ma jistax joperahom;

*7.* Dan kollu jrid jigi kunsidrat fid-dawl tal-fatt illi r-rikorrenti qieghda tippretendi li tinghata lura x-xarabank u *taxi* li kienet bieghet lil huha, u cioe' lill-esponenti Emanuel Sammut. Hija tiddikjara li l-ammont ta' Lm70,000 indikat minnha ghall-finijiet tal-mandati taghha jirreferi ghall-valur tal-licenzji ta' dan ix-xarabank u *taxi*. Ir-

rikorrenti setghet facilment ikkawtelat il-pretensjoni taghha billi titlob l-inibizzjoni ta’ trasferiment ta’ dawn il-licenzji, izda b’malizzja ghazlet li titlob il-hrug ta’ mandati li l-aktar jaghmlu hsara lill-esponenti. Ghal din il-hsara volontarja l-esponenti qeghdin jippretendu kumpens u qeghdin jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom permezz tal-mandat *de quo;*

8. Illi hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-esponenti ma ressqux il-pretensjoni taghhom lir-rikorrenti fi zmien 15-il jum qabel gie pprezentat il-mandat. Fil-fatt, l-esponenti regolarment intimaw il-pretensjoni taghhom, u dan sa l-ahhar granet qabel iddecidew li jipprocedur gudizzjarjament;

9. Illi ghalhekk mhux opportun li din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru de quo mahrug kontra r-rikorrenti, u lanqas huwa opportun fic-cirkostanzi li tigi mposta xi penali jew garanzija;

10. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejejz kontra l-istess rikorrent.

Rat li din il-kawza mxiet kontestwalment mal-kawza numru 1094/02 bejn l-istess partijiet;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti Josephine Sammut kienet, f’xi zmien, ittrasferiet fuq isem l-intimati *char-a-banc* u *taxi*, izda in segwitu, dehrilha li kellha thassar dak it-trasferiment u fis-27 ta’ Gunju, 2001 fethet kawza ghar-rexissjoni tat-transfers, liema kawza iggib in-numru

1186/01 u tinsab pendenti quddiem dawn il-Qrati. In kawtela tad-drittijiet taghha dedotti f'dik il-kawza, ir-rikorrent talbet u ottjeniet kontra l-intimati l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru u ta' Mandat ta' Qbid fuq pretensjoni ta' Lm70,000.

Meta rcevew dawn il-Mandati, l-intimati talbu lir-rikorrenti tirrevokhom, u wara li din naqset milli taghmel dan, fis-26 ta' April, 2002, fethu kawza ghad-danni kontra r-rikorrenti (numru 479/02) u preventivament illikwidaw id-danni fl-ammont ta' Lm50,000, somma pretiza minnhom bhala kumpens ghall-hsara li garrbu bl-effett tal-imsemmija zewg Mandati. In kawtela ta' din il-pretensjoni, l-intimati talbu u ottjenew il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru u ta' Mandat ta' Qbid kontra r-rikorrenti. Huma dawn il-Mandati li huma l-meritu ta' dawn il-proceduri: bil-procedura li ggib in-numru 1094/02, ir-rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Qbid li nhareg fit-22 ta' Awissu, 2002 bin-numru 1751/02, filwaqt li b'din il-procedura, ir-rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru numru 821/02 li nhareg fis-16 ta' April, 2002.

F'dawn il-proceduri, mela, ir-rikorrenti qed titlob it-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru ai termini tal-artikolu 836 (1) (b) (c) (d) u/jew (f), l-imposizzjoni ta' penali fuq l-intimati ai termini tal-artikolu 836 (8) (b) (c) u/jew (d), u, fin-nuqqas, ordni biex l-intimati jaghtu garanzija xierqa a tenur tal-artikolu 838A, f'kull kaz, tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 836 (1) (b) (c) (d) u (f) jipprovdu li:

*836.(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(b) li wahda mill-htigiet tal-ligi ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*

Issa, kif inghad minn din il-Qorti, fil-kawza "Camilleri vs Gove' et", deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01, *"li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, ud an ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*

*Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellu pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza."* (ara wkoll "P.J. Sutters Co. Ltd vs Concept Ltd" deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2001, u "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd", deciza wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2001).

Issa f'dan il-kaz, mill-provi prodotti, ma jistax jinghad li l-intimati ma kellhomx bazi legali jitolbu l-hrug tal-Mandat in kwistjoni u dana peress li huma qed jallegaw li l-Mandati mahruga mir-rikorrenti qed jikkagunawlhom danni kbar, u

jekk jirrizulta li dawk il-Mandati nhargu bla qies mir-rikorrenti, hi tista' tkun passibbli ghad-danni u anke ghall-penali u dan a bazi tal-artikolu 836 (8) u (9) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Min-naha l-ohra, din il-Qorti, fil-kawza "Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et", deciza fid-29 ta' Novembru, 2001, gia cahdet talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1912/01 mahrug mir-rikorrenti kontra l-intimata u dana wara li kkunsidrat li dak il-Mandat la hu *prima facie* mhux gustifikat jew eccessiv, u lanqas ma ntwera li fic-cirkostanzi jkun ragonevoli li l-Mandat jitnehha. Kwindi, in vista ta' din il-gudikat, sejjer ikun difficli li r-rikorrenti tigi kkundannata ghad-danni u/jew penali minhabba l-hrug ta' dak il-Mandat. Kif inghad anke minn din il-Qorti kif presjduta fil-kawza "Zarb vs Part Cottonera Ltd", li giet deciza fit-18 ta' Settembru, 2002 (fuq Rikors numru 883/02), mhux kull min jitlef kawza li jkun fetah wara l-presentata ta' Mandat kawtelatorju jkun awtomatikament passibbli ghad-danni jew ghall-penali, izda jrid jirrizulta li dak li talab u ottjena l-hrug tal-Mandat kawtelatorju, *ancorche'* titlef il-kawza li fetah in sostenn tal-Mandat, ikun agixxa in mala fede jew vessatorjament. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-argumenti taghha kif esposti fil-fuq indikata decizjoni taghha in sostenn ta' din it-tezi.

Fis-sentenza taghha tad-29 ta' Novembru, 2002, din il-Qorti qalet ukoll li ma rrizultalhiex li l-Mandat ta' Sekwestru mahrug mir-rikorrenti sar b'malizzja, jew kien frivolu u vessatorju, u rrifjutat li tordna l-hlas ta' penali taht l-Art. 836 (8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Darba, allura, gie deciz li r-rikorrenti kellha ragunijiet tajba biex tohrog il-Mandat ta' Sekwestru, u l-Mandat la kien eccessiv, u lanqas vessatorju jew frivolu, ma tistax tinstab responsabbli ghad-danni u/jew penali b'konsegwenza tal-hrug ta' dan il-Mandat, anke jekk titlef il-kawza fil-meritu.

L-istess, ovvjament, ma jistax jinghad ghall-Mandat ta' Qbid mahrug ukoll mir-rikorrent, peress li c-cirkostanzi li wasslu ghall-hrug ta' dan il-Mandat u ghaz-zamma fis-sehh tieghu ghadhom ma gewx mistharrga mill-Qorti u ma

jistax jinghad, f'dan l-istadju, li dak il-Mandat ta' Qbid ma kienx fic-cirkostanzi, frivolu u vessatorju. L-intimati, ghalhekk, ma jistax jinghad li kienu irragonevoli meta talbu li jikkawtelaw d-danni li allegatament jistghu jsofru b'dan il-Mandat. Ma giex indikat, pero', bi precizjoni x'danni qed isofru l-intimati b'rizultat ta' dan il-Mandat ta' Qbid. Fix-xhieda taghhom l-intimati aktar ikkoncentraw fuq il-hsara li qed igarrbu bl-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru, (li, kif inghad, gia gie deciz li ma hux frivolu u vessatorju), milli b'rizultat tal-Mandat ta' Qbid. Jidher li l-aktar li hu affettwat b'dan il-Mandat hu l-intimat George Borg, li, meta xehed, stqarr li minhabba dan il-Mandat ta' Qbid ma jistax jopera c-*char-a-banc* u qed jitlef mas-sitt mitt Lira Maltin (LM600) fix-xahar, li, fuq medda ta' erba' snin, zmien *average* ta' kemm iddum kawza biex tinqata, igib telf potenzjali ta' tmienja u ghoxrin elf u tminn mitt Lira Maltin (Lm28,800.00,0).

Mehud kont dawn ic-cirkostanzi, u danni ulterjuri li jistghu jsofru l-intimati bil-hrug ta' dan il-Mandat ta' Qbid, din il-Qorti thoss li pretensjoni ta' hamsin elf Lira Maltin (LM50,000.00,0) hi ftit eccessiva, u ghal-fini tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni, kawtela ta' erbghin elf Lira Maltin (LM40,000.00,0) ghandha tkun oltre milli bizzejjed ghall-intimati. Kwindi t-talba tar-rikorenti ghar-revoka u thassir ta' dan il-Mandat ta' Sekwestru ser tigi milqugha in parte billi tirriduci l-effetti tal-Mandat ghas-somma ta' ebrghin elf Lira Maltin (LM40,000.00,0), liema somma tinsab diga' maqbuda f'idejn il-Bank of Valletta p.l.c.

Ghar-rigward tat-talba tar-rikorrenti ghall-penali taht l-Art. 836 (8) (b) (c) (d) tal-Kap 12, din il-Qorti issib x'ticcensura fl-atteggjament tal-intimati, ghax avvolja kellhom decizjoni li tghid li t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru ma jirrizultax li saret b'malizzja, jew li kienet frivola u vessatorja, xorta wahda, fic-citazzjoni, talbu danni fuq il-kawzali li z-zewg mandati kienu frivoli u vessatorji. Jekk Mandat mhux frivolu u vessatorju ghal fini ta' penali, ma jistax jitqies mod iehor ghall-fini ta' danni, meta kemm it-talba ghad-danni kif ukoll dik ghall-penali huma bbazati fuq l-istess ragunijiet (fil-fatt, is-subartikolu 9 tal-artikolu 836, li jitkellem fuq responsabbilita' ghad-danni, tirreferi

ghall-“kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta’ qabel”, dawk, cioe’, li jistghu isejsu azzjoni ta’ penali, bhala bazi li fuqhom tista’ tirnexxi dik l-azzjoni – ara wkoll il-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet “Zarb vs Port Cottonera Ltd”, gia kwotata). Nonostante dan, pero’, xorta wahda hargu Mandati in kawtela ta’ pretensjoni ta’ danni derivanti mill-hrug tal-Mandati da parti tar-rikorrenti.

Jibqa’, pero’, l-fatt li dan il-Mandat ta’ Sekwestru mahrug mill-intimati mhux ser jigi revokat in toto ghax jista’ jkun li, ‘l quddiem, iservi l-iskop indikat. Il-hrug tal-Mandat, ghalhekk, ma jistax jinghad li kien ghal kollox frivoli, ghax jista’ jkun li l-intimati jsofru danni b’rizultat tal-Mandat ta’ Qbid mahrug mir-rikorrenti, liema mandat ghadu jrid jigi ezaminat gudizzjarjament.

Kollox ma kollox, ghalhekk, din il-Qorti ma thossx li, f’dan l-istadju, ghandha timponi hals ta’ penali fuq l-intimati.

Illi fl-ahharnett intalbet garanzija minghand l-intimati *ai termini* tal-artikolu 838A tal-Kap 12, li jipprovdi li:

*“Il-Qorti tista’, meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b’rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug ta’ l-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista’ tigi mposta u ta’ danni u imghax, u fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju”.*

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, il-kaz odjern ma huwiex il-kaz fejn ghandu jigi applikat dan l-artikolu, ghaliex ma gietx ippruvata li hemm kawza gusta ghal din it-talba; gia inghad li, f’dan l-istadju, il-hrug tal-Mandat mill-intimati, kif ridott minn din il-Qorti, jista’ jkun gustifikat, u dan tal-anqas sakemm jigi mistharreg l-Mandat ta’ Qbid mahrug fuq talba tar-rikorrenti. Kwindi, anke din it-talba, f’dan l-istadju mhux ser tigi milqugha.

Fid-decizjoni taghha din il-Qorti sejra tiddisponi ukoll mit-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors taghha tad-19 ta’ Frar, 2003;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi, fl-ewwel lok, tilqa' in parte t-tieni talba tar-rikorrenti billi tordna li l-Mandat ta' Sekwestru mahrug minn din il-Qorti fis-16 ta' April, 2002, u li jgib in-numru 821/02 ghandu jkollu effett biss fil-konfront tas-sekwestratarju Bank of Valletta p.l.c. u limitatament ghas-somma ta' Lm40,000 (erbghin elf Lira Maltin), u tirrevokah u thassru ghall-bqija u fil-konfront tas-sekwestratarji l-ohrajn, u fit-tieni lok, billi tichad it-tielet u r-raba' talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------